# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1164

Kaz Nru. 1360

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Raymond Formosa

u

Antsat International Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

1 ta' Dicembru, 2000

**CHAIRMAN : DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**

## INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 28 ta' Lulju 1999, l-appellant talab lil Onor. Ministru tas-Sigurta' Socjali jirrimetti l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal billi hass li t-tkeccija tieghu ma kinitx wahda gusta. Ai termini tal-Kap. 266, dana sar tramite ittra datata 4 ta' Awissu, 1999.

## DIKJARAZZJONI TAL-KAZ

L-appellant stqarr li huwa kien impjegat mas-socjeta' intimata bhala *handyman cleaner*. Id-direttur principali kellu diversi kumpaniji ohra, kollha taht l-istess saqaf, cioe' Planet 2000 u Eurosat Limited. Kien jaghmel dak ix-xoghol kollu li kien jitqabbad. Fil-21 ta' Lulju, 1999 gie nfurmat illi l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat minhabba *redundancy*. Thallas ta' dak li kien lilu dovut. Ftit wara skopra li kumpanija assocjata kienet harget avviz ghall-istess impjieg li huwa kellu precedentement.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata rrespingiet l-allegazzjoni tieghu. It-terminazzjoni tal-impjieg kienet mizura necessarja in vista tas-sitwazzjoni xejn felici li fiha sabet ruhha l-kumpanija. Il-volum tal-ordnijiet naqas u ghalhekk ir-rikjest tax-xoghol tal-appellant seta' jigi menomat. Oltre dan, huwa rcieva hlas lilu dovut minghajr ebda riserva u ghalhekk kellu jigi konsiderat li accetta s-sitwazzjoni b'mod definittiv. Mhux hekk biss, izda l-avviz li kien gie pubblikat fil-gazzetti u t-talba li saret mal-E.T.C. kienu, ghalkemm ippjanati precedentement, ritirati.

## PROVI

L-appellant xehed minn jeddu, u pproduca lil Jeffrey Seychell, George Deraffaele, Thomas Sammut in rappresentanza tal-E.T.C. Is-socjeta' intimata da parti taghha pproduciet lil Carmel Farrugia u Amanda Jane Farrugia. Gew esibiti sia r-reklamar fil-gazzetti, formoli tal-E.T.C., listi tal-impjegati u l-Audited Accounts tal-kumpanija.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dan il-kaz, ghalkemm *prima facie* jidher li huwa *di facile spedizione*, jipprezenta diversi punti li gew rilevati u li ghandhom jigu riferuti. Fl-ewwel lok, il-fatt ta' assocjazzjoni sindakali ma giet moghtija l-ebda mportanza da parti tal-appellant stess. Fit-tieni lok, il-fatt li l-azzjonist principali tas-socjeta' intimata huwa l-istess wiehed fiz-zewg socjetajiet l-ohra, ma jipprovdi l-ebda suffragju lilu u/jew jagevolah fil-proceduri odjerni. Socjeta' legali hija ndipendenti minn dawk il-persuni fizici li jistghu jikkomponuha.

F'proceduri simili, ma hux lecitu li jigi svelat il-velu korporattiv. L-appellant kien impjegat ma' socjeta' partikolari - iz-zewg kumpaniji l-ohra huma estranei ghalih u ghalhekk ma jistax jinvokahom *in difesa* tal-pretensjonijiet tieghu.

Mill-lat oppost, il-fatt uniku li principal jinvoka d-difiza tar-*redundancy* m'ghandhux jigi miftiehem li t-Tribunal ghandhu jdejh marbutin u jieqaf hemm. Mhux talli ghandhu d-dritt izda ghandhu d-dover li jinvestiga jekk din id-difiza hiex attwali u vigenti jew semplicement *messa in scena* biex jehles minn impjegat.

Il-koncett ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni huwa ferm pre-okkupanti billi jista' jinghata x'wiehed jifhem illi l-iskop tat-Tribunal huwa limitat. *Redundancy* hija difiza li tissuffraga raguni bhala wahda gusta. Fit-tieni lok, il-fatt li mpjegat li lilu gie terminat l-impjieg u jithallas kontestwalment dak kollu li hu dovut lilu, ikun b'daqshekk

qed jirrinunzja ghal xi drittijiet? Jigi soffermat illi haddiem ma jistax jirrinunzja ghal dawk id-drittijiet lilu moghtija u salvagwardjati. Inklussivament ma' dawn jigu ndikati l-essenzjal ossia arretrati ta' paga jew salarju, bonus, notice money, leave mhux mehud. Il-hlas ta' dawn ma jippregudikaw bl-ebda mod u manjiera lill-istess impjegat. Il-pagament ghas-saldu jkun immirat lejn dan u xejn izjed. L-impjegat ma jitlef l-ebda dritt fil-konfront tal-principal tieghu *stante* li l-istess pagament ikun qed isir unilateralment, apparti d-decizjoni ghat-terminazzjoni. Il-haddiem ikun qed jircievi dak li jispetta lilu u li hadem ghalih u li ghandu dritt ghalih, u xejn izjed. Dan huwa dak li jkun specifikat u/jew li ssir normalment riferenza ghalih. Is-sitwazzjoni tkun diversa jekk isir arrangament bonarju bejn il-partijiet u jigi miftiehem u effettivament isir pagament ta' somma ulterjuri bhala kumpens tat-terminazzjoni. U dana kollu jigi felicement spjegat b'mod l-aktar car sabiex l-ebda parti kontraenti ma tigi rinfaccjata b'xi sorpriza inaspettata jew nhux mixtieqa.

Il-fatt tar-*redundancy* huwa aktar abbinat ma' telf sostanzjali ta' flus, sia bhala nuqqas ta' profitti u sia bhala tnaqqir ta' assi kapitali. Il-fatt ta' razjonalizzar ta' rizorsi sia bhala makkinarju u sia bhala umani li jistghu isahhu il-forza socjetarja jista' jwassal tnaqqis fil-forza lavorattiva. Fil-kaz odjern, naqas ix-xoghol, tnaqqas haddiem li s-socjeta' intimata setghet tghaddi minghajru u xoghlu jaghmluh dawk li gew impjegati qablu. Il-fatt li l-kumpanija ma ghamlitx telf finanzjarju ma ghandhux ikun argument kontra l-istess kumpanija. Hija tkun hadet certi mizuri fil-limiti tal-ligi biex tissana u tissalvagwadja sia l-kapital socjetarju sia l-istess

investiment tas-socji u sia l-post tax-xoghol tal-haddiema l-ohra. Issir riferenza ghall-kaz numru fl-ismijiet 'Jeffrey Seychell vs Antsat Ltd' liema kaz kellu fatti meritu simili. Jigi osservat illi *entrambi i casi* is-socjeta' intimata aderiet ruhha bl-akbar reqqa mad-disposizzjonijiet tal-ligi fejn jirrigwardja ingaggjar cioe' *last in first out* u fil-perijodu annwali, ma sar ebda ingaggjar li seta' jigi offert *in prim'istanza* lill-appellant. Jigi ribdit illi r-reklamar, ghalkemm mhux koncernanti lill-istess socjeta' kien gie ritirat.

**KONKLUZJONI**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddikjara li t-terminazzjoni mill-impjieg kienet saret ghal raguni gusta u valida fil-ligi.

B'hekk dan il-kaz jigi definittivament terminat.

Ghal fini ta' tassazzjoni, jigi ffissat l-ammont ta' erbghin lira maltija (lm40).

Dr. Joseph P. Bonnici
CHAIRMAN